Il-Qorti;

**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' April 2024**

**Rikors Guramentat nru: 204/ 2021 AGV fl-ismijiet;**

Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru 204/21 AJG fl-ismijiet:-

DS

Vs

RS

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ta' DS datat 12 ta' Frar 2024

**Tesponi bir-rispett:**

Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* minn Frar, 2019.

Illi l-proceduri f'din il-kawza jinsabu fl-istadju tal-provi tal-konvenut.

Illi, kif qal il-konvenut stess fir-rikors tieghu tal-15 ta' Dicembru, 2023:

1. *"Din il-kawza tinsab fi stadju avvanzat, fejn hija differita ghall-kontro-ezami tal-attrici mill-konvenut."*

2. *"Il-kontendenti jinsabu mifruda de facto, tant illi fil-mori tal-kawza hareg bhala fatt illi llum l-attrici qieghda f'relazzjoni ma' terz".* Fil-fatt irrizulta l-esponenti tinsab f'relazzjoni stabbli, filwaqt li mis-separazzjoni *de facto* sal-lum, l-intimat konvenut kellu diversi *partners*, kif ikkonfermaw it-tfal li jidher li jiltaqghu ma' kull *partner* li jkollu l-intimat.

Illi kif ghamel il-konvenut stess fir-rikors tieghu tal-15 ta' Dicembru, 2023, l-esponenti taghmel *"riferenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti lil din l-Onorabbli Qorti l-fakolta sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata".*

Illi l-konvenut ikkonferma wkoll fir-rikors tieghu li *"Il-provi dwar il-komunjoni tal-akkwisti ngabu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Rodianne Sciberras li zammet seduti regolarment da parti taghha. Kif jidher mill-atti, il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet hija essenzjalment komposta mis-segwenti:-*

- *Arja ta' maisonette wiehed u garaxx wiehed gewwa Triq Abdosir, Marsaxlokk, Malta;*
- *Vetturi registrati f'isem il-partijiet rispettivament;*
- *Diversi depoziti bankarji u investimenti f'isem il-kontendenti wahedhom u/jew flimkien;*
- *Loan mal-bank HSBC.*

Illi kif sostna l-konvenut stess: *"L-iskop tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, li sejra tigi likwidata fis-sentenza definittiva ta' din il-Qorti, illum spiccat ghal kollox; hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta' fatt jigi sancit legalment permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti."*

Illi l-esponenti taqbel li *"Ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista' tbaghti l-pregudizzju kontemplat fl-Art. 55 (4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jekk kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' din il-Qorti. Dan anke in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell."*

Illi ladarba l-kontendenti qed ighixu separatament, hemm lok li jinhareg ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Illi s-segwenti huwa l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti: "*Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-ligi illi meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dan l-iskop, jew wiehed mill-iskopijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju ghal konjugi wiehed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti u l-konjugi l-iehor jibqa'*

*jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiccat”.*[1]

Jghid ghalhekk l-intimat konvenut RS ghaliex din il-Qorti m’ghandix ai termini tal-Art. 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:-

1. Okkorrendo tappunta dan ir-rikors sabiex jinstema flimkien mal-procediment principali;
2. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi;
3. Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta‘ din il-Qorti in materia tkun finali u konklussiva;
4. Tordna li beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta‘ din il-Qorti fir-rispett tar-rikors guramentat numru 204/2021 AGV fl-ismijiet premessi;
5. Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

**Bl-ispejjez ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-Partijiet**

**Rat ir- Risposta** ta’ RS, datata 23 ta’ Frar 2024,

Jesponi bir-rispett **ILLI**:

1. Fir-rikors tat-12 ta' Frar 2024, ir-rikorrenti taghmel referenza ghal rikors li kien intavolat nhar il-15 ta' Dicembru 2023, liema rikors kien IRTIRAT u dan stante li kien sajjem minn uhud mil-fatti dwar dak li jikkostitwixxi fil-komunjoni tal-akkwisti.

2. Huwa minnu li l-proceduri jinsabu fi stadju tal-provi tal-esponenti konvenut, u di piu l-partijiet ghandhom seduta ffissata quddiem l-assistent gudizzjaru skedata ghal nhar il- 5 ta' Marzu 2024, ghal liema seduta l-esponenti ghandu zewg xhieda mharrka. Wara s-smigh tal-imsemmija xhieda, l-esponenti ghandu jkun f'posizzjoni li jaghlaq il-provi tieghu.

3. Huwa proprju wara din is-seduta li din l-Onorabbli Qorti ghandha jkollha quddiema stampa kompleta ta' kull ma tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti.

4. Isegwi ghalik illi jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet kif proposti mir-rikorrenti, minghajr ma tkun ikkunsidrat ix-xhieda li huma skedati biex jixhdu nhar il-5 ta' Marzu 2024 rispettivament, l-esponenti jbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u ghalhekk huwa **jopponi** ghat-talba tar-rikorrenti kif maghmula permezz tar-rikors tat-12 ta' Frar 2024.

5. L-esponenti jopponi wkoll li l-ispejjez ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet u dan stante li t-talba ta' Dorianne Sant qieghda tigi opposta.

Rat l-atti inkluz il-verbali tal-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda migbura minnha, mil-liema jirrizulta li z-zewg partijiet ressqu xhieda u provi b'mod estensiv.

IKKUNSIDRAT

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi S u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti tisħaq li l-kawza tinsab fi stadju tal-provi tal-konvenut kif ukoll li l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Frar tas-sena 2019 u ghalhekk ebda parti m'ghandha tibqa' tgawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Ir-rikorrenti anke taccenna ghall-fatt, li l-konvenut kien ressaq talba identika ghat-talba taghha fil-15 ta' Dicembru 2023, liema huwa sussegwentement irtira.

Min-naha tieghu, il-konvenut jopponi ghat-talba u jibda billi jghid li r-rikors li huwa kien intavola fil-15 ta' Dicembru 2023, huwa kien sussegwentement irtirah ghax kien sajjem minn uhud mill-fatt dwar dak li jikkostitwixxi l-komunjoni tal-akkwisti. Huwa jaqbel li l-proceduri jinsabu fi stadju tal-provi tieghu, u jghid li hemm seduta ffissata ghall-5 ta' Marzu 2024 ghal-liema harrek zewg xhieda u jghid li wara l-istess seduta l-Qorti ghandu jkollha quddiemha stampa kompleta ta' kull ma tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti u jispicca billi jghid illi jekk il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti qabel is-sentenza tal-firda huwa ser ibati pregudizzju mhux proporzjonat anke jekk ma jispjegax kif ser isofri tali pregudizzju.

Jirrizulta u mhux kontestat, li llum il-kawza tinsab fi stadju avvanzat, u qed iressaq il-provi tieghu l-konvenut. Jirrizulta li instemghu ghadd ta' xhieda sostanzjali quddiem l-Assistent Gudizzjarju, anke fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 li rrefera ghaliha fir-risposta tieghu Robert Sant, u ghalhekk illum huwa car fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Sant.

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta` sabiex f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministazzjoni separata. Dan jistipula:

> ***"(1) Il-Qorti tista' f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 illi jistipula:

> ***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza *in parte* għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-subinċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tipronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati 'preġudizzju mhux proprozjonat'. Dan ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Jael Cassar vs Robert Cassar**[2], u wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Martin Bezzina Wettinger vs Michella Bezzina Wettinger**[3].

Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-kawżi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

Din il-Qorti ssegwi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:

> "In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta` lil parti jew oħra li "f'kull żmien matul is-

[2] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru 212/2009/2 RGM)
[3] Rikors Ġuramentat 256/14AL.

> smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi……t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". In oltre` l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti ma tikkonsidrax li l-oggezzjoni mhux sostanzjata, sollevata mill-konvenut, tiggustifika c-cahda tat-talba rikorrenti ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum vigenti bejn il-partijiet.

Illi di piu`, il-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni, b'dan illi mhux ta' pregudizzju l-fatt li xi parti tista' tiskopri dwarhom wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Iktar minn hekk, bil-fatt li l-Qorti tilqa' t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ma jfissirx li l-konvenut mhux ser ikollu l-opportunita` jressaq il-provi tieghu fir-rigward tal-konsistenza tal-assi tal-komunjoni u tad-dhul ta' martu; anke jekk fil-fatt jirrizulta li l-maggor parti tal-provi, jekk mhux kollha, diga' ingabru.

Illi ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li ma hemm ebda pregudizzju sproporzjonat illi ser jigi soffert mill-konvenut - li wara kollox kien hu stess li kien ressaq rikors ghall-waqfien tal-komunjoni f'Dicembru 2023, izda ftit jiem biss wara kien irtirah - u ghalhekk tali talba ghandha tintlaqa' f'dan l-istadju.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba u tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, a karigu ta’ Dorianne Sant.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Depu**